MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 913/1982/1

Concetta Bajada u b'digriet tal-24 ta' Marzu 1993 stante l-mewt ta' Concetta Bajada l-gudizzju gie trasfuz f'isem Marianna mart Giovanni Zerafa, Mary mart Louis Gatt, Francis Briffa u, l-istess Francis Briffa b'digriet tas-27 ta' Jannar 1992 gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Pawlu Briffa u Emanuel Briffa, Carmela Bajada u b'digriet tal-31 ta' Jannar 1992 stante l-mewt ta' Carmela Bajada l-gudizzju gie trasfuz f'isem Concetta Bajada, Marianna mart Giovanna Zerafa, Francis Briffa, Mary mart Louis Gatt u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1992 Francis Briffa gie nominat bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Pawlu Briffa u Emmanuel Briffa, Tereza armla ta' Jimmy Bond u b'digriet tal-31 ta' jannar 1992 stante l-mewt ta' Theresa Zerafa maghrufa bhala Thersea Bond armla ta' James sive Jimmy Zerafa maghruf bhala James sive Jimmy Bond il-gudizzju gie trasfuz f'isem Concetta Bajada, Marianna mart Giovanni Zerafa, Francis Briffa, Mary mart Louis Gatt u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1992 Francis Briffa gie nominat bhala kuratur biex jipprezenta lill-assenti Pawlu Briffa u Emmanuel Briffa bhala eredi ta'

ommhom Guzeppa Briffa armla ta’ Pawlu gia` eredi ta’ Theresa Zerafa maghrufa bhala Theresa Bond armla ta’ James sive Jimmy Zerafa maghruf bhala James sive Jimmy Bond u l-istess Concetta Bajada, Marianne mart Giovanna Zerafa, Francis Briffa u Mary mart Louis Gatt u b’digriet tas-17 ta’ Jannar 1992 Francis Briffa gie nominat bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Pawlu Briffa u Emmanuel Briffa bhala eredi ta’ Carmela Bajada gia` eredi ta’ Theresa Zerafa maghruf bhala Thersea Bond armla ta’ James sive Jimmy Zerafa maghruf bhala James sive Jimmy Bond, Marianna mart Giovanni Zerafa, Guzeppi armla ta’ Pawlu Briffa, u b’digriet tal-31 ta’ Jannar 1992 stante l-mewt ta’ Guzeppa Briffa armla ta’ Pawlu Briffa l-gudizzju gie trasfuz f’isem Francis Briffa, Mary mart Louis Gatt, u b’digriet tas-17 ta’ Jannar 1992 Francis Briffa gie nominat bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Pawlu Briffa u Emmanuel Briffa, u Angelo Debono

vs

George Mercieca u b’digriet tat-30 ta’ Dicembru 1994 A.I.C. Alfred Briffa u Oliver Cachia assumew l-atti tal-kawza minflok il-konvenut George Mercieca

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li biha ppremettew:

Peress illi l-atturi Concetta Bajada, Tereza armla ta’ Jimmy Bond, Marianna mart Giovanni Zerafa, u Guzeppa armla ta’ Pawlu Briffa, kienu komproprjetarji ta’ zewg eghlieqi, minghajr isem konfinanti mill-grigal ma’ beni ta’ George Mercieca, mill-Lbic ma’ proprjeta` tal-istess atturi, u mix-Xlokk ma’ proprjeta` tal-istess atturi, jew irjihat verjuri, accessibbli minn Sqaq it-Torri, limiti Msida, liema zewg eghlieqi kienu jinsabu fil-kuntrada ta’ Sqaq it-Torri, limiti Msida, maghrufa bhala “Ta’ Cialpas”, u l-attur Angelo

Debono kien iddetjena b'titolu ta' qbiela dawn iz-zewg eghlieqi fuq imsemmija;

Peress illi l-konvenut dan l-ahhar klandestinament u vjolentement kien waqqa' l-hitan tas-sejjieh ta' zewg partijiet ta' dawn iz-zewg eghlieqi u kien dahal bil-gaffa f'dawn l-eghlieqi u harbat il-wicc tal-hamrija u b'hekk ikkommetta spoll u dannu tal-atturi;

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

(1) tiddikjara li b'dan l-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll a dannu tal-atturi;
(2) il-konvenut jigi ordnat mill-Qorti illi jirreintigra minnufih lill-atturi fil-pussess tal-imsemmija zewg eghlieqi;

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut illi gie mharrek biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

Illi l-atturi f'din il-kawza kienu ezercitaw l-azzjoni petitoria, u ghalhekk qabel xejn riedu jippruvaw li huma kienu l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni.

Illi l-konvenut ma kien ikkommetta l-ebda spoll kontra l-atturi, ghaliex huwa ghamel xoghol fuq art proprjeta` tieghu, li huwa kien akkwista b'att tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri tas-6 ta' Mejju, 1980.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Rat id-digriet tat-28 ta' April, 1983 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Richard Aquilina biex jirrelata fuq it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet u d-digriet tat-8 ta' Frar, 1985 li permezz tieghu gie nominat Dr. Ciappara biex jassisti lill-Perit Tekniku, u d-digriet tat-22 ta' Ottubru, 1999 li permezz tieghu Dr. Ciappara gie sostitwit b'Dr. P. Gauci Maistre.

Il-Perit Aquilina u Dr. P. Gauci Maistre pprezentaw ir-rapport taghhom fi Frar 2004 u hemm is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"96. Il-konvenut eccepixxa illi l-atturi ezercitaw l-azzjoni petitoria u ghalhekk iridu jippruvaw li huma l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni. Dan ghaliex l-atturi skond il-konvenut qeghdin jitolbu li jigu determinati l-konfini ezistenti bejn l-art taghhom u l-art tal-konvenut. Ghaldaqstant, il-konvenut isostni illi l-azzjoni ta' l-atturi mhix wahda ta' spoll privileggat. Il-konvenut jichad li kkommetta ebda spoll kontra l-atturi ghaliex huwa ghamel xoghol fuq art proprjeta tieghu li huwa akkwista b'att tas-6 ta' Mejju 1980 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri.

97. L-esponent ma jaqbilx illi l-azzjoni ta' l-atturi ma tikkwalifikax bhala azzjoni ta' spoll privileggat imma hija azzjoni petitoria. L-atturi ma talbux illi jigu determinati l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet. Fic-citazzjoni, l-atturi ppremettew illi huma proprjetarji ta' l-art fejn sar l-allegat spoll; illi l-konvenut klandestinament u vjolentement waqqa` l-hitan tas-sejjiegh ta' zewg partijiet ta' dawn iz-zewg eghlieqi u dahal bil-gaffa f'dawn l-eghlieqi u harbat il-wicc tal-hamrija u b'hekk ikkommetta

spoll u r-reintegrazzjoni fil-pussess ta' l-art taghhom. Dak li jrid jigi determinat issa jekk fil-fatt jezistux l-elementi kollha biex tista' tirnexxi l-azzjoni privileggata ta' spoll li bhala karatteristici ewlenin taghha: Biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll privileggat l-atturi iridu jippruvaw

A. Il-fatt ta' pussess jew detenzjoni-*Possedisse*

B. Il-fatt ta' l-ispoll-*Spoliatum fuisse;*

C. L-atturi jressqu l-azzjoni relattiva fi zmien xaghrejn mill-ispoll-*Infra bimestre deduxisse.*

98. A. *POSSEDISSE*

Kwantu ghall-pussess, il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess *animo domini* u l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur……Konsegwentement ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legitimita tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussess in mala fede – **Maria Dolores Mifsud vs Michele Galea** Appell Civili 29 ta' Marzu 1957. Il-konvenut jghid illi fic-citazzjoni ma giex premess illi Angelo Debono wiehed mill-atturi u ghand min kienet imqabbla l-art in kwistjoni kien id-detentur ta' l-art allegatament spoljata. Ghalhekk ladarba tonqos il-kawzali relattiva ghal detenzjoni ta' l-istess art da parti ta' dan Debono, dan ma jistax jitlob ir-reintegrazzjoni tal-pussess li lanqas biss kien jippretendi li ghandu. Dan ghaliex meta xehed Angelo Debono iddissassocja ruhu kompletament mill-kawza ghan-nom tieghu. L-argument tal-konvenut guridikament mhux sostenibbli. Skond il-gurisprudenza taghna il-pussess jew detenzjoni tal-haga jista' jkun ta' kwalunkwe xorta jew natura. Bix-xhieda taghhom u mill-kotba ta' l-ircevuti esebiti bhala Dok "AA" u "BB" l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi Angelo Debono jikri l-art minghand l-atturi fejn sar l-allegatament spoll da parti tal-konvenut. Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta dan il-fatt. Dan huwa prova bizzejjed biex l-atturi ppruvaw li fil-gurnata meta twaqqghu il-hitan in kwistjoni huma kellhom dak il-pussess li tirrikjedi l-azzjoni ta' spoll u cioe l-ewwel element.

Huwa pacifikament akkolt "il-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-fini ta' l-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bzonn

ikun il-pussess b'titolu ta' propjeta jew ta' servitu'; izda bizzejjed pussess kwalunkwe, anzi purament materjali u di fatto(**"Annetto Xuereb Montebello et vs Paolin Magri et"** Appell Civili, 19 ta' Gunju 1953). Inoltre, fil-kawza **Joseph Vassallo Gatt vs Joseph Camilleri** l-Qorti qalet illi "biex din l-azzjoni tkun espedita b'success l-attur irid jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljat hu kien fil-pussess tal-oggett li minnu kien spoljat. Mhux mehtieg li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu.

Wara kollox, f'materja ta' spoll, ma tistax tigi konsentita ebda eccezzjoni qabel ma ssir ir-re-integranda, ukoll ghaliex l-azzjoni intentata hi ta' ordni pubbliku fejn "il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat" **Margherita Fenech vs Pawlu Zammit,** Prim Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1958.

Jidher ghalhekk li "din l-azzjoni hija koncepita bhala wahda rapida u effikaci bl-iskop li ma dhalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lil min ikkometta spoll li jerga jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha" **Francesco Busuttil vs Giocchino Scerri propio et nominee** Prim Awla, Qorti Civili, 14 ta' marzu 1997 (Vol. LXXXI P 111 p.54).

Bhala stat ta' fatt jirrizulta illi r-raba` fejn allegatament sar l-ispoll kienet imqabbla ghand Angelo Debono mill-atturi. Dan jaqbel mieghu il-konvenut. Id-divergenza bejn il-kontendenti hi fil-mod kif saret l-azzjoni. Fil-fehma tal-esponent l-atturi kienu fil-pussess jew detenzjoni tar-raba` fejn sar l-ispoll mill-konvenut.

99. B. *SPOLIATUM FUISSE*

It-tieni element li jridu jippruvaw l-atturi fl-Actio Spolii huwa li effettivament huma gew spoljati mill-pussess taghhom. Issa hu ben maghruf illi "jirrikorri l-element ta' l-ispoll, mhux mehtieg , biex dan ikun vjolat, li jkun hemm il-*vis atrox* jew *le vie di fatto*, imma hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-

ispoll" **Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et** Prim' Awla Qorti Civili, 26 ta' Jannar 1957; **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott,** Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955;

Il-konvenut jinnega li kkommetta spoll ghaliex huwa kien qieghed jaghmel xoghol fuq art li saret proprjeta tieghu meta din inxtrat fis-6 ta' Mejju 1980 u esebixxa l-kuntratt ta' l-Akkwist Dok. B. Il-konvenut ippretenda illi ladarba huwa akkwista l-art in kwistjoni huwa kellu d-dritt li jidhol fiha. La darba huwa ppretenda li ghandu dan id-dritt huwa ezercita dan id-dritt minghajr il-kunsens ta''l-atturi u qabad u dahal fil-proprjeta in kwistjoni. Jghid il-konvenut illi huwa mar biex jibni fuq l-art tieghu fid-dawl tax-xemx; cioe m'ghamel xejn la klandestinament u lanqas vjolentement u ghalhekk jonqsu z-zewg elementi rikjesti ghall-ezercizzju b'success fl-azzjoni ta' spoll. In sostenn ta' dan l-gharef difensur tal-konvenut jiccita l-kawza fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava** deciza mill-Prim Awla fil-11 ta' April 1985 fejn intqal: "Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi li jirrizultaw mill-provi ma jistghax jinghad li l-konvenut meta hammel u beda jippjanta, kellu l-intenzjoni li jispolja lill-attur. Ix-xogholijiet li beda jaghmel saru skond il-post li qeghdlu s-surveyor tal-venditur u skond il-pjanta ta' l-akkwist tieghu. Ma jirrizultax lill-Qorti illi l-konvenut kien jaf, meta kien qed jaghmel l-istess xogholijiet, li huwa kien qed jidhol fil-proprjeta ta' l-attur u ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kellu dik l-intenzjoni li jispolja li jehtieg ikollu skond il-ligi sabeiex l-azzjoni tieghu ta' spoll tmexxi". Il-konvenut issottometta illi l-kaz odjern huwa simili ghal din id-decizjoni, infatti l-konvenut mar biex jibni fuq l-art li huwa kien akkwista; certament l-art li minn fuqha l-konvenut nehha l-hamrija ma kinitx ta' l-atturi kif diga gie sottomess u ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jispolja lill-atturi, u ghal din ir-raguni, l-azzjoni odjerna ta' spoll privileggat ghandha tigi respinta. Il-konvenut ghalhekk jikkontendi li l-molesta trid tkun akkumpanjata mid-debitu *animus spoliandi*. Ara wkoll **Anthony** Camilleri **vs Doris Galea (Vol LXXIII-III-851)** u **Grace Chetcuti vs Francis Muscat et** (App. 21 ta' Gunju 1989). Il-Qrati taghna anke kkwotaw lil Ricci fejn jghid "Ove questa intenzione manchi di colui che attenta al possesso altrui, non vi e vera

molestia nel senso di legge, e non puo competere l-esperimento delle azioni possessione”. (Vol V pag 134).

Dan l-insenjament li jintroduci l-animus spoliandi bhala element kostituttiv ta’ l-azzjoni ta’ spoll privileggat ma giex segwit fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-14 ta’ Jannar 2002 Citazzjoni Nru 651/96 fl-ismijiet **Dimitry Orlov vs Edward Pavia pro et noe.** Peress illi f’din is-sentenza l-Qorti dahlet sew fuq dan il-punt u in vista tal-fatt illi l-konvenut sahaq hafna fuq l-istess anke biex isahhah l-argument tieghu illi l-kawza istitwita mill-atturi hija wahda petitoria u mhux wahda ta’ spoll, l-esponent ser jirriproduci dik il-parti tas-sentenza f’dan ir-rigward. F’din is-sentenza tiffavorixxi “d-dottrina illi l-elementi vitali ta’ din l-azzjoni kienu biss tlieta u cioe: possedisse, spoliatum fuisse, u infra bimestre deduxisse – tlett elementi illi huma espressement rikjesti mill-Kodici Civili nostran u illi effettivament jirreferu biss ghall-vittma ta’ l-att spoljattiv u mhux ghall-awtur tieghu. Infatti l-ligi taghti dritt ta’ azzjoni lil min jipprova li kien jipposjedi l-oggett in kawza u li jirnexxilu jipprova li kien gie minnu spoljat in kwantu l-pussess tieghu kien gie turbat u dan fiz-zmien perentorju ta’ xahrejn li fih kellu jiddeducu l-azzjoni. Il-ligi trid illi stabbiliti dawn it-tlett elementi, l-ebda difiza ma setghet tigi avanzata mill-awtur tal-att spoljattiv u l-ligi espressament tezigi illi f’azzjoni ta’ din ix-xorta kienu permessi biss eccezzjonijiet dilatorji.

Il-gurisprudenza li tittanta l-*animus spoliandi* bhala element ta’ l-azzjoni ta’ spoll privileggat issegwi l-gurisprudenza Taljana u kontinentali in materja li pero ma tinterpretax disposizzjonijiet ta’ ligi identici ghal dawk nostrani. L-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili imkien ma kienu jirrikjedu investigazzjoni rigward l-intenzjoni ta’ l-allegat spoljatur. “B’liema motiv jew animu ghamel hekk huwa ghal kollox irrilevanti. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tesprimi ruhha fis-sentenza taghha tad-9 ta’ Marzu 1992 in re **C.Cardona vs Francesco Tabone et** “Il-ligi taghna – fl-azzjoni ta’ l-ispoll jigifieri fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) <u>il-fatt</u> ta’ pussess u detenzjoni u (b) <u>il-fatt</u> ta’ l-ispoll. Indagini

limitatissima, vigoruza u skarna li ma tinsab fl-ebda legislazzjoni ohra u ghalhekk bir-rispett kollu ghad-decizjonijiet li ppremettew indagnijiet ibbazati fuq xi jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament guridiku taghna 9Volum LXXVIII.ii.319). "Jidher ghalhekk li din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma dhalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament, u hija ntiza unikament biex iggieghel lil min ikun ikkommetta l-ispoll li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha". (Volum LXXXI.iii.54). "Din il-Qorti ma jidhriliex li l-kaz taht ezami hu wiehed minn dawk fejn jehtigilha tindaga jekk l-azzjoni ta' spoll privileggat kinitx mehtiega l-prova ta' l-intenzjoni spoljattiva tal-konvenut. Kwistjoni dibattuta kif sewwa jirrilevaw l-appellanti fir-rikors taghhom imma li ghadha qed tigi deciza b'mod kontrastanti anke sa ricenti. Infatti fil-kawza "**Prokuratur Legali Anthony Buhagiar u Mikiel Farrugia**" deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Novembru 1997, gie konsidrat illi: "Fl-istess kuntest m'ghandux ragun fl-aggravju tieghu l-appellant rigwardanti l-allegat nuqqas ta' *animo spoliandi*. Fl-azzjoni de quo, cioe` ta' spoll privileggjat, l-aspett ta' *animo spoliandi* ma jidholx. Il-ligi taghna hija a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali tali li tittula l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala *animus spoliandi*". Qed tigi citata din is-sentenza biex din il-Qorti turi illi kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti, ghad hemm gurisprudenza konfliggenti fir-rigward tal-htiega tal-prova li l-*animos spoliandi* fl-azzjoni ta' spoll privileggjat u mhux ghaliex hu mehtieg f'din il-kawza li din il-materja tigi definite. Dan ghaliex kif inghad, din il-Qorti hija sodisfatta illi mill-provi kellu jidher car illi l-pussess ta''l-attur kien qed jigi disturbat u li dan kien qed isir kontra l-volonta` tieghu abbuzivament u vjolentement"" (Volum LXXXII.ii.963). Din l-istess konsiderazzjoni tapplika *mutates mutandis* ghall-kaz taht ezami.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi certament l-*animus spoliandi* ma setax jitqies li kien element kostituttiv ta' l-azzjoni ta' spoll privileggat u l-Qorti hi zgur prekluza milli tinoltra

ruhha f'ezami dwar il-mottiv ta' l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghall-kawza bhala pregudizzjali ghal gustifikazzjoni da parti tal-konvenut ta' l-agir kontestat tieghu. Indagini ta' din ix-xorta ma kinitx permessa proprju ghaliex iddghajjef l-effikacja ta' l-azzjoni bhala rimedju guridiku biex jassigura rimedju kontra min b'att arbitrarju *marte proprio* imur kontra l-volonta tal-persuna spoljata" (Volum XLI.ii.1133) b'azzjoni unilaterali u minghajr l-intervent ta' l-organi gudizzjarji. "L-azzjonijiet possessorju fosthom l-azzjoni ta' spoll ghandhom bhala fondament taghhom il-pussess ta' kwalunkwe xorta u bhala objettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess" (Volum XXXVII.iii.776).

Illi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa elementi ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata jaghmel a dannu ta' terzi persuni att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati u ma' dak l-artikolu huwa mmarkat l-iehor tal-procedura civili li jahseb u jghid "li kontra l-azzjoni ta' spoll m'humiex ammessibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji" (Volum XLII.ii.973). Il-ligi taghna hi allura fl-*actio spolii* radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija evidentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi b'idejh b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Ghal-ligi taghna ghalhekk l-*animus spoliandi* jista' biss ikun relevanti marginalment in kwantu jista' jitfa dawl fuq il-kwalita ta' pussess li kien igawdi l-ispoljat u jekk dan kienx tali illi kien jimmerita l-protezzjoni tal-ligi bir-rigur kollu taghha li tezigi li l-istat ta' pussess turbat jigi vigorozament ripristinat qabel kull haga ohra. Spoliatus ante omnia restituandum.

"Dan l-insenjament li ttanta jintroduci l-animus spoliandi bhala element kostituttiv ta' l-azzjoni ta' spoll privileggat ma kienx kondiviz minn din il-Qorti. Hi tiffavorixxi ghal kuntrarju d-dottrina illi l-elementi vitali ta' din l-azzjoni kienu biss tlieta u cioe` *possidisse, spoliatum fuisse u infra bimestre deduxisse* – tlett elementi li huma espressament rikjesti li l-Kodici Civili nostran u illi

effettivament jirreferu biss ghal vittma ta' l-att spoliattiv u mhux ghall-awtur tieghu. Infatti l-ligi taghti dritt ta' azzjoni lil min jipprova li kien jipposjedi l-oggett in kawza u li rnexxielu jipprova li kien gie minnu spoljat in kwantu l-pussess tieghu kien gie turbat u dana fiz-zmien perentorju ta' xahrejn li fih kellu jiddeduci l-azzjoni. Il-ligi trid illi stabbiliti dawn it-tlett elementi, l-ebda difesa ma setghet tigi avvanzata mill-awtur ta' l-att spoliattiv u l-ligi espressament tesigi illi f'azzjoni ta' din ix-xorta kienu permessi biss eccezzjonijiet dilatorji.

Il-gurisprudenza li tittanta tintroduci l-animus spoliandi bhala element tal-azzjoni ta' spoll privileggat issegwi l-gurisprudenza Taljana u kontinentali in materja li pero ma tinterpretax disposizzjonijiet ta' ligi identici ghal dawn nostrani. L-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili imkien ma kienu jirrikjedu investigazzjoni rigward l-intenzjoni ta' l-allegat spoljatur. "B'liema motiv jew animu ghamel hekk huwa ghal kollox irrilevanti. "Din l-azzjoni hi intiza biex tipprotegi d-drittijiet ta' persuni minn ohrajn li jiehdu l-ligi b'idejhom u jaghmlu gustizzja kif jidhrilhom huma". **Cesareo vs Trapani** (Vol. XXXIV.11.594).

F'dan il-kaz din ix-xorta ta' ndagini certament mhux mehtiega ghaliex ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-fatt provat illi l-konvenut unilaterment ghaliex ippretenda li kellu dritt bis-sahha tal-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-art, dahal go l-art ta' l-attur. Il-konvenut kien jaf illi l-art kienet f'idejn terzi tant illi xehed illi meta mar sabiex jidhol fuq l-art tieghu kien isib ostakoli u ghalhekk mar l-ghassa ta' Tas-Sliema u kellem lis-supretendent u urieh id-dokumenti. L-atturi rnexxielhom jippruvaw l-ispoll sar fuq l-art li kienet fil-pussess (imqabbla ghand l-attur Angelo Debono) taghhom. Dan gie kkonstatat mill-espert imqabbad mill-Qorti l-Perit Richard Aquilina (Dok RA anness ma' din ir-relazzjoni). Il-konvenut jibqaghlu ippregudikat id-dritt tieghu li jiehu ragun fil-petitorju imma l-agir tieghu jikkostitwixxi spoll fil-konfront ta' l-atturi. Il-ligi trid bhala pricipju ta' ordni pubblika, min jippretendi xi jedd jinqeda b'*vite di diritto* u mhux b'*vite di fatto* ghall-harsien ta' dak il-jedd; principju ta' ordni pubbliku jeghleb kull ftehim privat, u ghalhekk il-patt li l-attur seta' jinqeda b'*vie di fatto*

flok b'rikors lill-awtorita gudizzjarja ma jiswiex. Ghalhekk l-agir tal-konvenut li jfixkel lill-atturi fit-tgawdija taghhom *de facto* huwa spoll kontra l-ligi. Allura dak li hu essenzjali hu l-fatt li sar att arbitrarju kontra l-volonta tal-persuna spoljata. Prova din li ghall-finijiet ta' l-azzjoni giet stabbilita. "Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tokkupa ruhha mill-element tal-klandestinita, ghax il-ligi taghna ghall-finijiet ta' azzjoni ta' spoll privileggat, tikkunsidra sufficjenti li jkun hemm ir-rekwiziti tal-vjolenza jew tal-klandestinita` u mhux li jkun hemm iz-zewg rekwiziti f'daqqa" **Nazzareno Desira vs Victor Lungaro,** Appell Civili, 20 ta' Jannar 1961.

100 C. INFRA BIMESTRE

Jirrizulta mill-provi li l-ispoll sar fil-perjodu ta' xahrejn qabel ma giet istitwita l-kawza fit-18 ta' Awissu 1982. Angelo Debono, ghand min kienet imqabbla l-art in kwistjoni, xehed illi l-hitan twaqqghu fl-4 ta' Awissu 1982. L-ebda prova kontrarja ma ngabet mill-konvenut.

Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-fehma illi l-azzjoni maghmula mill-atturi hija wahda ta' spoll privileggat u l-istess atturi rnexxielhom jippruvaw illi l-konvenut ikkommetta dan l-ispoll fil-konfront taghhom. Ghalhekk, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu milqugha billi jigi dikjarat illi l-konvenut bl-agir tieghu ikkommetta spoll ghad-danni taghhom u l-istess konvenut ghandu jigi ordnat illi jirreintegra lill-atturi fil-pussess ta' l-eghlieqi taghhom. Jibqa' impregudikat id-dritt tal-konvenut li jaghmel azzjoni petitorja."

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll privileggat l-atturi jridu jippruvaw

- Il-fatt ta' pussess jew detenzjoni-***Possedisse***
- Il-fatt ta' l-ispoll-***Spoliatum fuisse****;*
- L-atturi jressqu l-azzjoni relattiva fi zmien xaghrejn mill-ispoll-***Infra bimestre deduxisse****.*

Jinghad li dwar il-***POSSEDISSE s***kond il-gurisprudenza taghna il-pussess jew detenzjoni tal-haga jista' jkun ta' kwalunkwe xorta jew natura, bizzejjed pussess kwalunkwe, anzi purament materjali u di fatto. It-tieni element ta' ***SPOLIATUM FUISSE*** hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll. Il-konvenut jinnega li kkommetta spoll ghaliex huwa kien qieghed jaghmel xoghol fuq art li saret proprjeta tieghu meta din inxtrat fis-6 ta' Mejju 1980 u li huwa mar biex jibni fuq l-art tieghu fid-dawl tax-xemx u cioe' m'ghamel xejn la klandestinament u lanqas vjolentement. Izda l-insenjament li jintroduci l-***animus spoliandi*** bhala element kostituttiv ta' l-azzjoni ta' spoll privileggat ma giex segwit. Fl-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-aspett **ta'** ***animus spoliandi*** ma jidholx. L-ahhar element jirrikjedi li l-azzjoni giet istitwita ***INFRA BIMESTRE*** u mill-provi f'din il-kawza rrizulta li l-ispoll sar fil-perjodu ta' xahrejn.

Il-Qorti ma taqbilx li l-atturi ezercitaw l-azzjoni petitorja u dan jirrizulta b'mod car mil-lokuzzjoni adoperat fic-citazzjoni. Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni li l-attur ma ghamel ebda spoll irrizulta li l-***animus spoliandi*** mhux element necessarju. Ghalhekk tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Peress li t-talbiet irrizultaw gustifikati tiddikjara li b'dan l-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll a dannu tal-atturi.

Tordna lill-konvenuti jirreintigraw lill-atturi fil-pussess tal-imsemmija zewg eghlieqi fi zmien xahar mil-lum.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------